MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1143/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**P & D Properties Limited (C41321) u**
**Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. li, wara li ppremetta:

1. Illi permezz ta' zewg kuntratti, wiehed minnhom datat 17 ta' Frar 2010, in atti Nutar Dottor Vanessa Bonnici (Dok. "A"), u l-iehor datat 16 t'April 2010, in atti Nutar Dottor Adriana Vella (Dok. "B"), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` P & D Properties Limited;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` P & D Properties Limited fis-somma ta' erbgha u disghin elf, erba' mija u tnejn u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€94,442.26) bilanc ghad-debitu fil-*"Current u Loan Accounts"* tas-socjeta` P & D Properties Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C", Dok. "D", Dok. "E" u Dok. "F1 sa F40") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Settembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' zewg kuntratti, wiehed minnhom datat 17 ta' Frar 2010, in atti Nutar Dottor Vanessa Bonnici (Dok. "A") u l-iehor datat 16 ta' April 2010, in atti Nutar Dottor Adriana Vella (Dok. "B"), u permezz ta' tlett skritturi privati, wahda minnhom datata 9 ta' Settembru 2009, (Dok. "G"), ohra datata 1 ta' Frar 2010 (Dok. "H"), u l-ohra datata 23 ta' Marzu 2010 (Dok. "I"), il-konvenuti Paul u Maria Dolores Fenech, iggarantew flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta` P & D Properties Limited, id-debiti ta' l-istess P & D Properties Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument 'A', 'B', 'G', 'H' u 'I') partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` P & D Properties Limited u Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta` P & D Properties Limited u Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Lulju 2011 li kopji taghhom

qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. “J” u “K”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab lill-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija ( u hawn ezebiti bhala Dokument “A”, “B”, “G”, “H” u “I”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` P & D Properties Limited u Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess P & D Properties u Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` P & D Properties u lil Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech ihallsu flimkien u “*in solidum*” bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbgha u disghin elf, erba’ mija u tnejn u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€94,442.26) bilanc ghad-debitu fil-*“Current u Loan Accounts”* tas-socjeta` P & D Properties Limited (Dok. “C”, Dok “D”, Dok. “E” u Dok. “F1 sa F40”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Settembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta’ flus dovuti mill-konvenuti Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech lis-socjeta` attrici li ghalihom is-socjeta` attrici tirriserva li tipprocedi f’gudizzju separat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati kollha li in forza taghha eccepew illi:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti ghandhom jigu respinti in vista tal-fatt li l-ammont mitlub ma hux dovut tenut kont tal-ammont ta' diversi ripagamenti li kien ghamel fil-konfront tal-imsemmija facilitajiet bankarji lilhom moghtija;

2. Illi fit-tieni lok jinghad ukoll li l-ammont mitlub huwa skorrett peress illi l-imghax relattiv jidher li nhadem bis-sistema tal-*compound interest* flok bis-*simple interest*;

3. Illi jinghad inoltre li s-socjeta` attrici trid iggib il-prova dwar l-allegazzjoni minnha mressqa dwar il-bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimati li qed jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu u kif ukoll dwar l-inadempjenza taghhom fl-obbligi minnhom assunti u dana peress illi tali allegazzjonijiet huma nveritjieri u qed jigu kontestati;

4. Illi di piu jinghad li sa ftit taz-zmien ilu l-intimati kienu fil-fatt qed ihallsu l-pagamenti mensili skond l-obbligi minnhom assunti liema pagamenti kienu gew biss sospizi ghal zmien temporanju minhabba problemi finanzjarji li affaccjaw l-istess intimati tant li behsiebhom jissoktaw f'qasir zmien bir-ripagamenti kif stipulati u ghalhekk dan il-fattur jirrendi l-azzjoni odjerna bhala wahda ntempestiva;

5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment mill-intimat dikjarant;

6. B'riserva li jitressqu risposti ulterjuri jekk jinqala' il-kaz.

Semghet lix-xhud Rose Cortis viva voce.

Rat l-affidavit ta' George Cassar White u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-intimati li permezz taghha ammettew it-talbiet kollha tal-Bank rikorrenti kif dedotti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet kollha tal-Bank of Valletta p.l.c. kif

dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghax kif dedotti fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------